# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 248/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana)

vs

**Albert Frendo**

iben Saviour, imwieled Pieta', fl-20 ta' Frar, 1958, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 149958(M)

Illum, 30 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Albert Frendo, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

(1) Talli fil-15 ta' Awwissu 2010 u fix-xhur ta' qabel bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex biss jeżerċità jedd li jippretendi li għandu, b'awtorità tiegħu innifsu, fixkel lil Paul u Veronica meta daħal fi ħwejjiġhom, u

(2) Talli minħabba l-aġir abbuziv tiegħu mit-28 ta' April 2010 u matul dawn l-aħħar xhur qiegħed jikkawża nkonvenjent kbir liema nkonvenjent qed ikollu effett fuq saħħet Paul Paris minħabba storbju u ħsejjes riżultanti minn airconditioners li jibqgħu għaddejjin sas-siegħat bikrin ta' fil-għodu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 85 u 377 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ordnat lill-imputat inehhi l-kompressuri, zmien mhux olter xahar mil-lum taht penali ta' €23 ghal kull gurnata li jonqos jew li fl-istess zmien jikkonforma ruhu mar-rapport tal-perit nominat u ipoggi l-kompressur l-isfel mis-saqaf tal-konkos tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Albert Frendo minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

L-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi mhux minnu li b'xi mod l-appellant fixkel lill-kwerelanti billi daħal fi ħwejjiġhom, b'awtorità tiegħu innifsu u sabiex jeżerċita xi jedd li jippretendi li għandu.

Illi dan il-fatt mhux talli ma ġiex ippruvat sal-livell rikjest mil-Liġi, iżda lanqas biss beda' biex jiġi ppruvat. Ma ġie ppreżentat l-ebda kuntratt tal-akkwist u pjanti uffiċjali sabiex jiġu vverifikati d-delinjazzjonijiet ta' bejn il-propjetajiet rispettivi tal-partijiet. Għalhekk, bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tasal sabiex tgħid illi kien hemm xi ħjiel ta' prova dwar ir-ragion fattasi.

Illi fl-ewwel rapport tiegħu, il-Perit Tekniku b'xi mod wasal għall-konklużjoni illi "*il-kumpressuri qegħdin 'jinvadu' l-arja tar-residenza tal-Parti Civlie*" (vide Fol 3 tal-Ewwel Rapport). Din hija dikjarazzjoni li tidher li ma hi sostanzjata minn ebda prova. Permezz tal-

kuntratt indikat iżjed 'il fuq l-appellant xtara l-fond bil-bitħa u kif ukoll l-arja ta' fuq il-bitħa – l-appellant mhux biss is-sid tal-bitħa, imma s-sid tal-ajra sovrastanti *usque ad coelum*.

Illi għalhekk l-appellant huwa tal-umli fehma illi għandu jiġi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi minn dak li rriżulta lill-Perit Tekniku waqt l-aċċessi diversi li saru fuq il-post, ma jistax wieħed jasal għall-konklużjoni li kien qed jiġi kkawżat xi nkonvenjent lil Paul Paris.

Illi mill-mod li fih hija fformulata t-tieni imputazzjoni, jidher ċar ħafna illi dak li l-kwerelant Paul Paris (li qiegħed jilmenta mill-allegat inkonvenjent waħdu, u mhux flimkien ma' martu, b'differenza għall-ewwel imputazzjoni) qed iħossu aggravat l-iżjed għax l-allegat storbju u ħsejjes ikomplu għaddejjin sas-sigħat bikrin ta' fil-għodu. Ċarament allura, huwa l-istorbju ta' mal-lejl li qiegħed idejjaq lil Paul Paris. Jiġi ppreċiżat illi mart Paul Paris hija reġistrata bħala residenti Għawdex.

Illi għalhekk, jeħtieġ illi wieħed jikkonċentra b'mod partikolari għall-mod ta' kif wieħed għandu jkejjel il-ħsejjes mal-lejl, u kif ukoll għal liema livelli għandhom ikunu meqjusa bħala aċċettabbli.

Illi l-Perit Tekniku nominat mill-Ewwel Qorti aċċeda fuq il-post darbtejn sabiex irrediġa l-ewwel minn żewġ rapporti tiegħu; l-ewwel darba sabiex jiffarmiljarizza ruħu mas-sit, u t-tieni darba sabiex jitkejjlu l-ħsejjes.

Illi kif jidher minn dan l-ewwel rapport stess, jirriżulta illi l-ħsejjes tkejjlu mill-"*kċina – kamra tal-ikel*" ta' Paul Paris. In vista tal-fatt li l-ilment ta' Paul Paris kien jikkonċerna speċifikatament il-ħesjjes matul il-lejl, l-Ewwel Qorti ordnat lill-istess Perit Tekniku sabiex jerġa' jkejjel il-ħoss, din id-darba mill-kamra tas-sodda.

Illi ssir riferenza għad-dokument maħruġ mill-World Health Organization intitolat "*Night Noise Guidelines for Europe*"[1] li jispeċifika x'inhuma l-limiti tal-ħsejjes aċċettabbli. Dan jindika li f'ċerti ċirkostanzi, il-kejl tal-ħoss jittieħed mal-lejl, u barra mill-faċċata tal-fond li jintuża għall-irqad. Kif jidher f'paġna XVII ta' dan id-dokument "$L_{night,outside}$ *of 40DB is equivalent to the lowest observed adverse effect level*". Fit-tabella numru 4 fl-istess paġna, jidher illi madanakollu, il-kejl ittieħed minn ġewwa.

Illi meta wieħed jieqaf jaħseb dwar dan, wieħed jasal biex jagħraf li dan jagħmel ħafna sens; il-ħoss li qed jiġi ġġenerat mill-appellant, f'dan il-każ, qed jiġi prodott barra. Il-kejl, madanakollu, qed jittieħed minn ġewwa. Wieħed hawn irid japplika l-kunċett tal-buon viċinat; bl-istess mod illi l-appellant ma jridx jagħmel ħsejjes eċċessivi, Paul Paris irid jagħmel il-parti tiegħu sabiex jimminimizza l-effetti ta' dak il-ħoss. Anke il-World Health Organization stess tgħid illi wieħed irid jagħmel il-parti tiegħu sabiex jimminimizza l-effett ta' ħsejjes esterni. Minn imkien ma jirriżulta, per eżempju, illi Paris uża ħġieġ *double* jew *triple glazing* sabiex b'hekk inaqqas il-ħoss li jippenetra, u għalkemm huwa nsista li t-tieqa jżommha magħluqa minħabba n-nemus, il-Perit Tekniku ried li bil-fors it-tieqa tinżamm miftuħa waqt li jittieħed il-kejl! Ta' min jgħid ukoll, illi fl-istess ħin kif jidher minn paġna 7 tat-tieni rapport, il-kwerelant iżomm it-tieqa magħluqa minħabba li jdejqu n-nemus. Bid-dovut rispett, id-dikjarazzjoni tal-Perit Tekniku a Fol 7 tat-Tieni Rapport tiegħu, fis-sens illi s-sħana kienet insopportabbli ma jistħoqqilha l-ebda piż. Ironikament, fl-istess rapport il-ħsejjes qed jitkejlu b'apparat kumpless u ikkalibrat b'mod fin, u mill-banda l-oħra dwar it-temperatura, donnu biżżejjed li l-Perit jiddikjara li kienet insopportabbli mingħajr l-ebda użu ta' strumenti. It-tolleranza għas-sħana tvarja minn persuna għall-oħra. Jekk wieħed ma jaċċettax dan l-argument, allura jkun jagħmel sens li l-kejl għall-ħsejjes jittieħed bl-udit biss ukoll!

Illi jekk wieħed jifli t-tieni rapport tal-Perit Tekniku – li jħoll u jorbot f'dan il-każ – wieħed jara illi dan jindika diversi parametri ta' ħoss dwar liema hemm diversi kummenti:

1. 30 sa 40dB – ikun hemm *slight annoyance*

---

[1] Liema dokument ġie ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti.

2. ‘il fuq minn 40dBA – id-disturb ikun qawwi
3. limitu ta’35dB(A) fejn il-*background level* ma jeċċedix 25dB(A), u 10dB(A) ‘il fuq mill-*background level* fejn dan jeċċedi 25dB(A)

Illi madanakollu, il-Perit Tekniku ma spjegax liema kien il-limitu li kien qed jimxi miegħu. Fil-fehma umli tal-appellant, dan kien neċessarju, u dan peress illi hemm ċertu sovrappożizzjoni bejn il-parametri indikati; b’hekk jeħtieġ li jkun hemm ċertezza dwar l-istess parametri sabiex wieħed ikun ċert dwar jekk il-limitu inqabiżx jew le.

Illi inoltre, ċarament il-Perit Tekniku ma stabbilixxiex u ma ddikjarax x’kien qed jieħu bħala il-*background* level; allura kif seta’ qatt japplika l-kriterji li ftit aktar ‘il fuq ġew indikati bin-numru 3?

Illi mingħajr preġudizzju għal dan, minn paġna 9 tat-tieni rapport tal-Perit Tekniku jidher illi bit-tieqa miftuħa u l-kumpressuri mitfija, il-livell kien bejn 31-34dB(A). Biss biss, jekk dan jittieħed bħala l-*background noise,* allura l-livell ta’ 44dB(A) għandu jiġi kkunisidrat aċċettabbli skont il-kriterji surriferiti indikati bin-numru 3!

Illi jekk il-Perit Tekniku m’indikax ma’ liema parametri u kriterji kien qed jimxi, allura, la hemm każ ta’ dubju, dan għandu jxaqleb favur l-appellant. Skont dak spjegat hawn fuq, jirirżulta illi l-livell ta’ 44dB(A) għandu jkun aċċettat. L-ebda qari ippreżentat mill-Perit Tekniku ma jilħaq dak il-livell.

Illi mill-25 kejl li ttieħed mill-Perit Tekniku mill-kamra tas-sodda ta’ Paris, jidher illi l-inqas livell kien dak ta’ 31.6dB u l-ogħla kien ta’ 34.7dB, u b’hekk il-medja kienet dik ta’ 32.792dB. Dok MC1 jindika illi meta t-tieqa kienet miftuħa u l-kumpressuri kienu mitfija, fil-punt ‘B’ (fejn hemm sufan li huwa eqreb tat-tieqa milli hija l-kamra tas-sodda ta’ Paris), il-ħoss kien ta’ 32dB. In vista ta’ dan, jidher li din il-kawża saret inutilment.

Illi kif intqal iżjed ‘il fuq, il-kwerela dwar l-inkonvenjent saret minn Paul Paris biss, u mhux minn martu. Għalhekk, huwa għal kollox irrilevanti l-kejl tal-ħoss minn fuq is-sufan fejn

allegatament torqod il-mara tiegħu – illi għandu jingħad, li ftit li xejn tkun fil-fond in kwistjoni, u fil-fatt, dakinhar li sar l-aċċess mal-lejl, lanqas biss kienet preżenti.

Illi għalhekk l-appellant huwa tal-umli fehma illi għandu jiġi lliberat anke mit-tieni mputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mir-rikors ta' l-appellant Albert Frendo kif ukoll mill-provi jirrizulta li r-residenza tal-konjugi Paris hi sovvraposta ghall-restaurant tal-appellant. Skont l-appellant hu kien akkwista dan il-fond minghand il-konjugi Paris permezz ta' kuntratt li ggib id-data tal-20 ta' frar, 2004 in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion. Minkejja din id-dkjarazzjoni fir-rikors tal-appell ma jirrizultax li kopja ta' dan il-kuntratt gie ezebit da parti tal-appellant. Dan qed jinghad ghaliex dejjem fir-rikors tal-appell, l-appellant qed jivvanta li hu mhux biss is-sid tal-bitha izda hu wkoll is-sid tal-arja sovrastanti 'usque ad coelum'.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak li ntqal hawn fuq huwa minnu ghajr li l-kwerelanti konjugi Paris isostnu li l-appellant ma kellu ebda dritt, mhux li saqqaf parti tal-bitha, izda li fuq dan is-saqaf ipoggi zewg kumpressuri ta' l-air conditioners flimkien a kompressur iehor fil-livell tat-tieqa tal-kcina tar-residenza tal-konjugi Paris. Konsegwenza ta' din l-azzjoni qed jigi allegat li l-appellant ikkrea nkonvenjent lill-konjugi Paris fil-forma ta' hsejjes u shana emanata minn dawn il-kompressuri.

Illi l-appellant jsostni li fuq l-iskorta tal-provi prodotti hu ma jista' qatt jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u cioe' li hu ezercita jedd li jippretendi li ghandu a bazi tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Illi dan ir-reat hu maghmula minn erba' elementi, li huma:

1. att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliciti jew implicitu ta' dik il-persuna.
2. l-imputat, appellant, irid jemmen li qed jagixxi bi dritt.
3. ix-xjenza ta' l-imputat li qd jiehu b'idejh dak li suppost jiehu permezz ta' process legali.
4. li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi dawn l-erba' elementi gew delineati f'sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presejduta fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Eileen Said, per Imhallef Joseph Galea Debono, fid-19 ta' Gunju, 2002 , Appell numru 37/2002. Din il-Qorti, biex tigi evitata ripettizzjoni, qed taghmel referenza shiha ghal din is-sentenza fejn il-Qorti ghamlet studju kemm ta' l-awturi kif ukoll tal-kazistika in materja.

Illi f'dan il-kaz partikolari jirrizulta li l-appellant saqqaf parti mill-bitha u fuq dan is-saqaf hu pogga zewg kumpressuri tal-arja kondizjonata u kumpressur iehor ta' freezer. Dan jirrizulat car mir-ritratti ezebiti mill-perit tekniku. Naturalment, l-kumpressur tal-freezer jibqa' ghaddej konstantement, fil-waqt li z-zewg kumpressuri l-ohra joperaw meta r-restaurant jkun miftuh. Dawn il-kompressuri gew imqeda ezatt biswit tat-tieqa tal-kcina tal-fon tal-konjugi Paris. Fuq l-iskorta tal-provi teknici prodotti, kif ukoll fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Paul Paris jirrizulta ampjament li l-ewwel akkuza giet pruvata u din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Illi t-tieni akkuza jirrigwarda l-inkonvenjent li qed ibaghti Paul Paris. Ma hemm ebda dubju li dawn il-kompressuri jemanaw shana kbira li qed jigi mitfugha fid-direzzjoni tat-tieqa tal-kcina ta' Paul Paris. L-espert tekniku mqabbad mill-ewwel Qorti wasal ghal-konkluzjoni li dawn il-kompressuri qed jikkawzaw zewg tipi ta' nkonvenjent - is-shana u l-istorbju li hu iktar minn dak suggerit mill-awtoritajiet kompetenti in materja. Fil-fatt, l-ewwel Qorti qabel ma din ir-relazzjoni teknika u din il-Qorti wkoll taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa fir-relazzjoni teknika.
Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' l-appellant Albert Frendo u tikkonferma s-sentenza appellata.  Il-perjodu ta' xahar iffissat mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum stess.